KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

8/16

**Minuti tat-tmin laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | | | |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku għall-bżonnijiet tal-ex Kunsillier John Zammit li għandu problemi ta' saħħa.

2.0 Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti

2.1 Il-minuti tal-25 ta' Awissu 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.2 Minuta 3.8: Is-sentenza li tibda fil-ħames vers trid tiġi tinqara 'Is-Sindku qalet li se tistaqsi lil Dr. Joseph Axiaq jekk jaċċettax ikun membru u mhux Chairman'.

2.3 Minuta 4.1.4: Addenda 'Il-Kunsill qabel li jibqa kollox kif inhu'.

2.4 Minuta 4.1.9: Addenda 'Il-Kunsill aċċetta l-iskuża'.

2.5 Minuta 4.1.12: Jinqatgħu l-kliem 'mill-Unjoni Ewropeja'.

2.6 Minuta 4.1.14: Wara t-titolu ssir addenda 'Is-Sindku qalet li attendiet għal laqgħa li saret fuq il-materja'.

2.7 Minuta 5.2 tiġi taqra 5.3 allura tiżdied minuta 5.2: 'Għar-rigward ta' mistoqsija 024, is-Sur Sultana staqsa għalfejn ma saretx pressjoni u s-Sindku wieġbet li ma kinetx taf bil-każ.'

2.8 Minuta 12.2: Tinqata l-aħħar sentenza.

3.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

3.1 Minuta 3.2: Is-Sur Sultana staqsa jekk saretx l-imsemmija laqgħa. Is-Sindku qalet li din il-mistoqsija trid tiġi imwieġba mis-Sur Anastasi li dak il-ħin kien għadu ma wasalx. Għaldaqsatnt talbet lis-Sur Sultana jerġa jistaqsi l-istess mistoqsija aktar tard.

3.2 Minuta 3.8: Is-Sindku qalet li sa dak il-ħin hi kienet għada ma rnexxielix tikkuntattja lil Dr Axiaq. F'dan l-istadju (6:15pm) hi issospendiet temporanjament il-laqgħa sabiex terġa tipprova tagħmel kuntatt miegħu. Il-laqgħa tkompliet (6:20pm) u s-Sindku infurmat lill-Kunsill li Dr Axiaq kien aċċetta li jkun membru.

Għaldaqstant, il-Kunsill unanimament qabel li l-Kumitat tal-Għażla Ġieħ Santa Venera jkun kompost mis-Sinjura Marylynn Sciortino bħala Chairperson u mis-Sinjuri Charles Scerri, Antoine Attard, Robert Vella u Dr. Joseph Axiaq bħala membri.

3.3 F'dan l-istadju (6:21pm) is-Sur Anastasi daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.4 Is-Sur Sultana reġa staqsa dwar minuta 3.2. Is-Sur Anasatsi qal li l-laqgħa saret pero għada mhux finalizzata. Qal ukoll li l-laqgħa aktarx titkompla l-ġimgħa d-dieħla.

3.5 Minuta 3.9: Is-Sur Sultana qal li t-trinka ġiet irranġata iżda talab li jitbagħat il-perit tal-Kunsill biex jiċċertifika x-xogħol. Il-Kunsill qabel. Is-Sur Anastasi iddikjara li ma kienx hu li kixef l-identita tas-Sur Sultana.

3.6 Minuta 4.1.3: Is-Sur Camilleri qal li hu qed jiġbor petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Triq Carini. Il-Kunsill qabel li tinġieb għall-attenzjoni tal-ADT, MEPA u Pulizija.

3.7 F'dan l-istadju (6:35pm) is-Sur Formosa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.8 Minuta 4.1.8: Is-Sur Sultana qal li minkejja li s-Sindku kienet qalet li Triq il-Palazz l-Aħmar kienet se timbena mill-ġdid mill-Gvern Ċentrali f'Settembru din għada lanqas biss bdiet timbena. Għalhekk hu talab li jsir patching temporanju. Il-Kunsill qabel.

3.9 Minuta 4.1.14: Kemm is-Sur Anastasi kif ukoll is-Sur Sultana qalu li huma ma kienux ikkonfermaw li se jduru jiġbru mill-ħwienet. Is-Sindku qalet li hi attendiet għal ftuħ ta' din il-kampanja u spjegat fid-dettall fiex tikkonsisti. Qalet ukoll li kull parteċipant irid iħallas donazzjoni ta' €10.

3.10 Minuta 4.1.16: Is-Sur Anastasi talab li t-talba terġa tmur quddiem il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għal rikonsiderazzjoni bl-argument li f'Santa Venera hawn ġnien u triq imsemmija għall-istess persuna.

3.11 Minuta 5.3: Is-Sindku qalet li minn jum għall-ieħor qed tistenna li tirċievi proposti u stimi għall-emeblishment ta' Ġnien Romeo Romano mingħand il-Ministeru tar-Riżorsi.

3.12 Minuta 9.1.30: Is-Sur Sultana qal li l-garaxx inkwistjoni ma ingħataw biżżejjed quarting space. Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order oħra lil B.Grima & Sons Ltd.

3.1.13 Minuta 9.1.31: Is-Sindku qal li d-dotted parking ma sarx. Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order oħra lil B.Grima & Sons Ltd.

3.1.14 Minuta 11.1: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt hu għal tlett snin rivedibbli kull sena.

3.1.15 Minuta 12.2: Il-Kunsill qabel li l-ħarġa għall-anzjani se ssir l-Imdina. Tluq fid-9am, Quddiesa fil-Knisja tal-Karmnu fid-9:30am u wara jsiru żjarat fil-mużewijiet tal-Imdina. Prezz €10 bit-trasport inkluż.

3.1.16 Minuta 7.1: Is-Sindku resqet rizoluzzjoni speċjali sabiex il-kontijiet tal-MP&DC u ta' Dr. Richard Sladden jiġI mħallsa. Dan minħabba l-fatt li x-xogħol tal-MP&DC kien xogħol li jinkludi pjanti u lill-avukat Sladden kienet hi stess li qabditu jkun osservatur u assistant legali fil-każ tal-ex skrivani. It-tieni proponent kien is-Sur Anastasi filwaqt li s-Sur Briffa issekonda.

Għar-rigward tal-pagament tal-MP&DC il-Kunsill qabel unanimament filwaqt li għar-rigward tal-pagament ta' Dr Richard Sladden il-Kunsill qabel l-erba' voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Anastasi, Briffa u Camilleri) u tlett voti kontra (is-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa).

4.0 Item 4: Korrispomdenza

4.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

4.1.1 Dipartiment għall-Gvern Lokali re: Talba għal kjarifika. Is-Sur Sultana ilmenta li Kunsillier mhux support jikteb lill-entitajiet. Is-Sur Anastasi qal li hu ma kitebx bħala Viċi Sindku imma bħala ċittadin. Is-Sur Sultana qal li ċittadini ma jiktbux fuq materji interni tal-Kunsill.

Fuq struzzjoni tad-Direttur, is-Sindku resqet mozzjoni u ppoponiet li d-deċiżjoni kollha li ittieħdu mill-bidu tal-Kunsill sal-llum b'riżoluzzjoni speċjali u bi proponent wieħed jiġu sanzjonati. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Camilleri. Il-Kunsill qabel b'sitt voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja, Briffa, Camilleri u Formosa) u astensjoni (is-Sur Anastasi).

Is-Sur Anastasi ressaq riżoluzzjoni speċjali sabiex it-tlett kuntatturi li l-aħħar darba kienet inħafritilhom d-default notice jerġgħu jingħataw default notice. Din ir-riżoluzzjoni speċjali kienet proposta wkoll mis-Sur Camillieri filwaqt li s-Sur Briffa issekonda. Is-Sur Anasatsi qal li dan wara li l-kwalita tax-xogħol tat-tlett kuntratturi mhux sodisfaċenti.

Is-Sur Sultana qal li l-każ kien fuq Triq it-Turretta u mhux fuq ix-xogħol inġenerali. Is-Sindku ipproponiet li għallinqas jingħataw twissija minflok default notice. Is-Sur Sultana qal li s-soft area inkwistjoni ma kienetx taħt ir-responsabilita tagħhom.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li t-tlett kuntratturi jiġu infurmati bill-miktub li s-soft area inkwistjoni fi Triq it-Turretta illum taqa taħt il-kuntratt u nota biex ma terġax titħalla fl-istat li kienet.

4.1.2 Kunsilli Lokali 2015 re: Laqgħa dwar it-tiġdid fil-Kunsilli Lokali. Is-Sur Sultana staqsa liema inizjattivi u proġetti l-Kunsill se jressaq. Is-Sindku wieġbet li se jkunu l-proġetti li applikajna għalihom għall-fondi speċjali u għad-devoluzzjoni cioe' il-masġar ta' Triq il-Ferrovija, il-ground ta' Triq il-Kanun, iċ-Ċentru Ċiviku u Ġnien Romeo Romano.

4.1.3 ADT re: Shifting ta' Reserved Parking Bay fi Triq Dun Xand Cortis. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

4.1.4 Northern Cleaninig Co-op re: tibdil fil-ħin tal-ġbir tal-iskart reċiklabbli. Il-Kunsill qabel li l-iskart reċiklabbli jinġabar fil-11:30am.

4.1.5 Uffiċċju tal-Prim Ministru re: Skema Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali. Il-Kunsill innota li l-applikazzjonijiet tal-Kunsill ma ġew aċċettati.

4.1.6 MEPA re: Fondi. Il-Kunsill innota l-korrispondenza mehemuża.

4.1.7 ADT re: Country Flowers. Il-Kunsill qabel li jorganizza laqgħa bejn l-ADT, l-MEPA u l-Kunsill dwar il-każ.

4.1.8 Ganado & Associates Advocates re: Ħsara fi Triq it-Turretta. Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ permezz tal-avukat tal-Kunsill.

4.1.9 Soċjeta Filarmonika Santa Venera re: Reklam fuq il-kalendarju 2010. Il-Kunsill qabel li jirreklama bħas-sena l-oħra.

4.1.10 Kumitat Tismija tat-Toroq re: Triq Grabiel Bugeja. Il-Kunsill qabel l jitlob ir-raġuni għaliex tale' talba ġiet rifjutata.

4.1.11 26th July Fireworks re: talba għal permess (pjanti). Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm ma jkunux ta' ostaklu.

4.1.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-unika ittra li rċieva mingħand residenti u/jew stabbilimenti ta' Triq Misraħ il-Barrieri fejn il-LiDL rigward un/loading bay fil-viċinazi ta' Cassar Airconditioning kienet mingħand F. Zammit Glass & Mirror Works. Il-Kunsill qabel li jagħamel timed and communal un/loading bay.

4.1.13 F'dan l-istadju (8:12pm) is-Sur Bugeja talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

5.0 Item 5: Rapporti

5.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Contracts' Manager għax-xahar ta' Awissu 2009. Is-Sur Anastasi ikkummenta li minkejja r-rapport juri li l-ġbir tal-iskart goff hu tajjeb, hawn ħafna skart goff fit-toroq li uħud minnhom ilu irrapurtat 15-il ġurnata.

6.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

6.1 L-iskeda għal *cheque payments* (26 ta' Awissu 2009 sad-29 Settembru 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Anastasi u Briffa.

6.2 L-iskeda għal petty cash payments (26 ta' Awissu 2009 sad-29 ta' Settembru 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Anastasi u Briffa.

6.3 Tqassmet ukoll schedule of receipts (12 ta' Awissu 2009 sat-28 ta' Awissu 2009).

6.4 Is-Sindku irriferiet għal-laqgħa tal-Kunsillieri u qalet li hi attendiet waħedha minkejja li l-Kunsill ħallas għal ħames Kunsillieri.

7.0 Item 7: Ilmenti

7.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

7.1.1 (91): Il-Kunsill qabel li jaġġusta l-camera li hemm.
7.1.2 (92): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.3 (93): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.4 (94): Il-Kunsill qed jitlob kopja tal-permess.
7.1.5 (95): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.6 (96): Il-Kunsill qabel li jiżbor is-siġra u jbexx.
7.1.7 (97): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.8 (98): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.9 (99): Il-Kunsill innota li x-xogħol għadu għaddej pero qabel li jfakkar lill-iżviluppatur.
7.1.10 (100): Il-Kunsill qabel li jibgħat reminder u fil-każ ikellem l-avukat tal-Kunsill.
7.1.11 (101): Il-Kunsill innota li dan hu każ ta' infurzar.
7.1.12 (102): Il-Kunsill innota li dan hu każ ta' infurzar.
7.1.13 (103): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.14 (104): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil Mario Mallia.
7.1.15 (105): Il-Kunsill innota li diġa hemm.
7.1.16 (106): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.17 (107): Il-Kunsill ma qabilx. Qabel li japplika l-ADT biex ma jgħaddux vetturi kbar minn Trejqa Fleur de Lys.
7.1.18 (108): Il-Kunsill ma qabilx u jissuggerixxi li jdaħħalha ġewwa.
7.1.19 (109): Il-Kunsill ma qabilx li ssir għalissa.
7.1.20 (110): Il-Kunsill innota li dan hu każ ta' infurzar.
7.1.21 (111): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.22 (112): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.23 (113): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.24 (114): Il-Kunsill innota li t-triq trid issir mill-Gvern Ċentrali.
7.1.25 (115): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Wilson Mifsud.
7.1.26 (116): Il-Kunsill innota li qed jistenna rapport u stima mingħand il-Ministeru.
7.1.27 (117): Il-Kunsill innota li t-triq trid issir mill-Gvern Ċentrali.
7.1.28 (118): Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ l-ADT.
7.1.29 (119): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Wilson Mifsud.
7.1.30 (120): Il-Kunsill innota li l-ewwel iridu jinfetħu t-toroq tal-madwar.
7.1.31 (121): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Wilson Mifsud.
7.1.32 (122): Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ mal-MP&DC.
7.1.33 (123): Il-Kunsill qabel li jitratta dan l-ilment mall-estimi finanzjarji tas-sena d-dieħla. Qabel ukoll li tinkiteb ittra lill-Prim Ministru rigward iċ-ċint ta' F.Busuttil & Sons Ltd.
7.1.34 (124): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.35 (125): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.36 (126): Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ mal-MP&DC.

8.0 Item 8: Mozzjonijiet

8.1 Is-Sur Anastasi ippreżenta l-mozzjoni tiegħu. Il-mozzjoni ġiet sekondata mis-Sur Camilleri. Is-Sur Anastasi qal li kien qed jippreżenta din il-mozzjoni għal fatt li t-triq inkwistjoni m'għadiex trejqa.

Is-Sur Sultana qal li skond riċerka li għamel, Lorenzo Gafa mhux konness ma Santa Venera, qal li hemm Avviż Legali li toroq li diġa' għandhom isem mhux se jinbidillhom l-isem u qal ukoll li se noħolqu skariġġ lir-residenti għax iridu jbiddlu l-indirizz.

Il-Kunsill qabel li jitlob l-opinjoni tar-residenti tat-triq inkwistjoni qabel ma jikteb lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

9.0 Item 9: Ordnijiet tal-Ġurnata

9.1 *Lejl l-Akwidott*

Is-Sur Briffa qal li l-attivita se ssir is-Sibt 31 ta' Ottubru 2009 mit-8pm –il quddiem u spjega fid-dettal l-attivita kif se tisvolġi. Qal ukoll li l-attivita hi maħsuba li ma tħalli ebda qliegħ jew telf. Il-Kunsill qabel.

F'dan l-istadju (9:17pm) is-Sur Briffa skuża ruħu għall-kumplament tal-laqgħa.

9.2 *Vetrina Vendriża f'Bay Street*

Is-Sur Camilleri qal li l-attivita se ssir nhar is-16 u s-17 ta' Ottubru 2009. Hu talab lill-Kunsill jixtri streetmer li tiswa €100+VAT u jipprovdi traspost ghall-parteċipanti u għall-materjal. Il-Kunsill alloka €250 għal din l-attivita.

9.3 *Fiera tal-Għasel*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din id-darba l-attivita mhux se ssir mill-Ministeru tar-Riżorsi u mill-Kunsill imma mill-Beekeepers Association bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Qal li din se ssir il-Ħadd 15 ta' Novembru 2009 u għada l-Erbgħa, l-assċjazzjoni imsemmija għanda laqgħa mas-Sindku u li hu se jipprova jattendi imqar nofs siegħa minnha. Qal ukoll li l-objettiv hu li l-Kunsill ma jkunx involut fi spejjeż. Dettallji se jingħataw aktar t ard.

10.0 Item 10: Aġġornament

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minnu rigward dokumenti mitlufa.

10.2 Il-Kunsill qabel li jerġa jgħin fit-tfassil tad-Djarju Direttorju.

10.3 Il-laqgha intemmet fl-9:40pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 27 ta' Ottubru 2009 | Chairperson |